MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 30/2021 LM

**Noel Borg (K.I. nru. 591277M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Maltapost p.l.c. (C 22796)** *('is-soċjetà appellanta')*
**u l-kjamati fil-kawża Network Airline Services Malta Limited (C 75718) u Air Malta Aviation Services Limited (C 84643)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Maltapost p.l.c. (C 22796)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fid-19 ta' Ottubru, 2022 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal

laqa' t-talba tal-attur **Noel Borg (K.I. nru. 591277M)**,[hawnhekk 'l-appellat'], u kkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tliet elef, erba' mija u tnejn u tletin Euro u sittin ċenteżmu (€3,432.60). Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u interponiet dan l-appell minnha.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal, l-attur spjega li huwa kollezzjonist tal-flokkijiet tal-futbol, u li kien ftiehem li jpartat flokk tal-futbol ma' flokk ieħor tal-futbol ma' ċertu Marcello Castano, li huwa residenti l-Italja. L-attur u Castano ftiehmu wkoll li Castano kellu jħallas is-somma ta' erba' mitt Euro (€400), għaliex il-flokk li l-attur kien ser ipartat ma' Castano, kellu valur ogħla minn dak li Castano kien ser ipartat mal-attur. L-attur spjega li fit-12 ta' Settembru, 2019 huwa kien mar fil-fergħa tal-Maltapost ta' San Ġwann, sabiex jibgħat l-imsemmi flokk bil-Posta, u mela d-dettalji neċessarji fuq il-formula relattiva, u l-pakkett ġie rreġistrat sabiex ikun jista' jintbagħat lil Castano ġewwa l-Italja. Qal li l-pakkett ingħata *tracking number,* u hu ħallas l-ammont ta' €32.61 għall-pustaġġ Qal li l-pakkett inbagħat bis-servizz tal-*EMS (Express Mail Service)*, li huwa servizz ipprovdut mis-soċjetà konvenuta, bl-iskop li dan il-pakkett jasal l-Italja fi żmien qasir. L-attur spjega li fid-19 ta' Settembru, 2019, Castano kien ikkomunika miegħu sabiex jinfurmah li l-imsemmi pakkett kien għadu ma wasalx għandu. Castano infurmah ukoll li huwa kien ikkuntattja lis-soċjetà konvenuta permezz ta' *email,* fejn talab aktar informazzjoni dwar dan il-pakkett, u r-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta kienet infurmatu li l-pakkett kien għadu ma wasalx il-Posta Taljana. L-attur qal li fit-23 ta' Settembru, 2019, huwa ppreżenta *complaint form* lis-soċjetà

konvenuta sabiex jgħarrafha li l-pakkett kien għadu ma wasalx għand d-destinatarju. L-attur qal li fl-24 ta' Settembru, 2019, huwa nforma lil Castano li l-flokk li kellu jirċievi hu kien wasal, u għalhekk fil-25 ta' Settembru, 2019, Castano reġa' esprima it-tħassib tiegħu mas-soċjetà konvenuta in vista tal-fatt li kienu għaddew ġimagħtejn mid-data meta l-pakkett intbagħat minn Malta lejn l-Italja. L-attur qal li filwaqt li sat-23 ta' Settembru, 2019, it-*tracking report* kien juri li l-pakkett kien wasal ġewwa s-*sorting centre* tas-soċjetà konvenuta, l-istess *tracking report* juri li dan il-pakkett qatt ma telaq minn Malta. Qal li huwa kkuntattja lis-soċjetà konvenuta diversi drabi sabiex jara kienx hemm xi aġġornament dwar dan il-pakkett, iżda huwa ġie infurmat li dan il-pakkett ma setax jinstab u ħadd ma kien jaf x'ġara minnu. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tinfurmah jekk il-pakkett intilifx jew jekk insteraqx waqt li kien fil-pussess tagħha. L-attur qal li ladarba l-flokk ma wasalx għand id-destinatarju, u huwa xtaq iżomm għandu l-flokk li kien irċieva mingħand Castano, kien hemm qbil li l-attur iħallas lil Castano is-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) rappreżentanti l-valur oriġinali tal-flokk li Castano kien bagħat lill-attur. Qal li fid-9 ta' Ottubru, 2019 huwa ħallas l-ewwel pagament ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) lil Castano, u fl-10 ta' Ottubru, 2019, huwa ttrasferixxa t-tieni pagament ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) lil Castano. Qal li fl-istess waqt huwa baqa' jitkellem ma' rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta sabiex jitlob li l-kwistjoni tissolva, u kien ġie aċċertat mis-soċjetà konvenuta li kienet ser tinstab soluzzjoni xierqa. L-attur qal li minkejja l-isforzi tiegħu fuq medda ta' diversi xhur, huwa baqa' jagħti lis-soċjetà konvenuta l-benefiċċju tad-dubju u baqa' jistenna kumpens għall-problema li nħolqot mis-soċjetà konvenuta bi żball jew b'negliġenza. Qal li s-servizzi tal-*EMS* jinkludu *market value insurance*

*on the goods being sent,* u huwa kien uża u kien ħallas ta' dan is-servizz. Qal ukoll li *website* tas-soċjetà konvenuta tgħid li dan is-servizz huwa wieħed mgħaġġel u sigur, u għalhekk is-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tassumi r-responsabbilità li l-pakkett jintbagħat u jasal għand id-destinatarju fl-Italja, minkejja li din baqgħet tinsisti li ftit li xejn seta' jsir min-naħa tagħha. L-attur qal li sussegwentement deher ċar li s-soċjetà konvenuta ma kinitx lesta li tirrimedja s-sitwazzjoni kkawżata minnha stess meta naqset li twassal il-pakkett lid-destinatarju fl-Italja, kif kienet aċċettat li tagħmel bis-servizz pprovdut minnha. Qal ukoll li minkejja diversi tentattivi għal konċiljazzjoni sabiex l-attur jingħata kumpens għad-danni li huwa ġarrab, ma ntlaħaq l-ebda qbil dwar dan bejn il-partijiet, u għalhekk l-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal fejn talab li jingħata kumpens ta' €3,432.61, rappreżentanti l-ammont ta' €3,000 li huwa kellu ħallas lil Marcello Castano, €400 id-differenza bejn il-valur taż-żewġ flokkijiet, u €32.61 bħala ħlas tal-pustaġġ biex il-pakkett jintbagħat l-Italja.

3. Min-naħa tagħha, is-soċjetà konvenuta Maltapost plc wieġbet li skont l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali [il-Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta], l-operatur postali m'għandu l-ebda responsabbilità x'iġorr jew obbligu li jħallas kumpens minħabba telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien, jew ħsara lil xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni ta' dak l-oġġett bil-Posta, ħlief fejn ikun hemm qbil dwar il-kumpens bejn l-operatur postali u l-mittent, u f'każ li jkun ġie stabbilit b'regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett. Qalet li skont l-*EMS International Courier Terms & Conditions*, kif fis-seħħ f'Settembru tal-2019, waħda mill-kundizzjonijiet tal-ġarr kienet li "*Maltapost p.l.c. will not be liable for any direct, indirect or consequential loss or damage: ... a) caused by failure*

*to perform any of its obligations if such failure is the result of circumstances outside its control; (b) damage, loss or destruction has occurred due to 'Force Majeure'; ... f) arising from delay or seizure of any postal article by any Customs Authority because of incorrect, insufficient or incomplete or improper documentation ...".* Is-soċjetà konvenuta qalet li minn dak li jirriżulta mit-*tracking report* maħruġ minnha, il-pakkett in kwistjoni ngħata lit-*Total Cargo Management Service* tal-linja tal-ajru Air Malta fit-12 ta' Settembru, 2019, li min-naħa tagħha qiegħda tgħid li dan il-pakkett ingħata lil Network Airline Services Malta Limited (C 75718) biex tikkonsenjah lil Poste Italiane S.p.A, iżda l-istess Poste Italiane S.p.A ħarġu *Verification Note* li tgħid li l-pakkett qatt ma ġie kkonsenjat lilhom minn Network Airline Services Malta Limited. Kien hawnhekk li s-soċjetà konvenuta qalet li jkun opportun li f'din il-kawża jissejħu wkoll Airmalta Aviation Services Limited (C 84643) u Network Airline Services Malta Limited (C 75718) biex iwieġbu għal għemilhom. Is-soċjetà konvenuta kompliet tgħid li l-pakkett intbagħat permezz tas-servizz *EMS*, li huwa servizz ipprovdut minnha, li jinkludi assigurazzjoni għal indennizz in konnessjoni mal-oġġett postali li jintbagħat b'dan is-servizz. Żiedet tgħid li mit-tikketta relattiva, għandu jirriżulta li minkejja li l-attur intalab jiddikjara l-*value of contents* li kien ser jibgħat, huwa ma ddikjara assolutament xejn. Qalet ukoll li l-attur kellu jimla l-parti msejħa *detailed description of contents,* iżda f'dan ir-rigward l-attur kiteb biss '*collectible item (shirt)',* mingħajr ma ta dettalji aktar preċiżi dwar dan. Is-soċjetà konvenuta qalet li anki il-partijiet tad-*docket* intitolati '*category of postal article'* u '*country of origin of merchandise',* tħallew vojta mill-attur. Qalet li ladarba s-servizz tal-*EMS* huwa munit b'assigurazzjoni għal indennizz in konnessjoni mal-oġġett postali li jintbagħat b'dan is-servizz, l-attur kien tenut

sa mill-bidunett jaġixxi bl-akbar *buona fede (uberrimae fide)*, u din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn id-*docket* tas-servizz tal-EMS tispeċifika u teħtieġ li klijent jimla bosta partijiet tagħha. Qalet li kuntratt bħal dan li jinkludi l-assigurazzjoni, huwa riskju għal min jimpenja ruħhu li jipprovdi dan is-servizz, u għalhekk huwa mistenni li min jitlob dan is-serivzz ikun onest u jagħti l-informazzjoni kollha relattiva u pertitenti għall-każ. Qalet li l-indikazzjoni mill-attur tal-valur tal-oġġett postali fil-kaxxa applikabbli fuq id-*docket* tal-*EMS,* u d-dikjarazzjoni tal-kontenut preċiż fil-kaxxa applikabbli fuq id-*docket* tal-*EMS*, kienu l-uniku mod kif seta' jiġi stabbilit il-kontenut tal-pakkett u l-valur attwali tal-kontenut tal-pakkett. Qalet ukoll li dikjarazzjoni tal-valur kienet neċessarja fil-proċess tal-aċċertament tal-kontenut tal-pakkett u tal-valur tal-kontenut tiegħu f'każ ta' talba għal riżarċiment. Is-soċjetà konvenuta temmet tgħid li l-attur għandu jġib prova aħjar dwar fuq liema bażi u b'liema dritt huwa jippretendi li huwa ntitolat għal kumpens mingħandha.

4. Min-naħa tagħha, is-soċjetà msejjħa fil-kawża **Network Airline Services Malta Limited (C 75718)** eċċepiet li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li hija kumpannija li tipprovdi servizz ta' *cargo reservation* lis-soċjetà Maltapost p.l.c. fuq titjiriet speċifiċi, u għalhekk hija mhijiex responsabbli għall-*handling* ta' pakketti, inkluż il-pakkett mertu ta' dawn il-proċeduri. Żiedet tgħid li l-pakketti mibgħuta permezz tas-soċjetà Maltapost p.l.c. qatt ma jaqgħu taħt il-pussess tagħha, la f'Malta u lanqas f'destinazzjonijiet oħra, għalhekk għandu jiġi deċiż li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Min-naħa tagħha, is-soċjetà msejħa fil-kawża **Malta Aviation Services Limited (C 84643)** wieġbet li l-inkarigu tagħha kien limitat għall-ipproċessar u l-ġarr tal-pakkett relattiv f'Malta u t-twassil tiegħu fuq l-ajruplan, u hija ma kinitx responsabbli għall-ġarr sussegwenti tal-pakkett minn dak il-mument 'il quddiem. Qalet ukoll li hija qdiet l-inkarigu tagħha fedelment u li hija mhijiex responsabbli għad-danni sofferti mill-mittent. Eċċepiet ukoll li r-relazzjoni tagħha hija biss mas-soċjetà Maltapost p.l.c. u mal-ebda persuna oħra, u hija m'għandha l-ebda obbligu fil-konfront tal-attur. Qalet ukoll li fil-każ odjern hemm applikabbli klawsola tal-limitazzjoni tad-danni, jiġifieri ta' €45 għal kull pakkett u €5 għal kull kilo. Eċċepiet li l-attur ma aġixxiex raġonevolment, u għalhekk għandu jbati huwa stess il-konsegwenzi tan-negliġenza tiegħu, għaliex huwa kellu jiddikjara l-valur tal-kontenut tal-pakkett, u kellu jieħu l-prekawzjonijiet sabiex jixtri assigurazzjoni li tkopri l-vjaġġ. Qalet ukoll li l-attur kellu jġib prova tal-valur tal-kontenut tal-pakkett, li hija xi ħaġa li ma tistax issir fiċ-ċirkostanzi, u finalment qalet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu, u għalhekk ikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' €3,432.60 lill-attur, bl-imgħax legali mid-data tad-deċiżjoni appellata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Fis-27 ta' Mejju, 2021 ġew ippreżentati l-affidavit ta' Noel Borg u Kenneth Formosa. Noel Borg iddikjara illi huwa kollezzjonist tal-flokkijiet tal-Juventus. Hu kien ftiehem ma' kollezzjonist ieħor fl-Italja, Marcello Castano, biex ipartat flokk ta' Furino tas-sena 1979/1980 li kien jiswa €3,400 ma' flokk tal-1977 li kien jiswa €3,000. Fil-fatt Castano kellu jibgħat is-somma ta' €400 permezz ta'* bank transfer. *Hu kien bagħat il-flokk mal-Maltapost permezz tal-EMS* (Express Mail Service) lil *Castano għax il-konsenja kellha ssir fi żmien sitt ijiem u s-servizz hu assigurat. Hu kien mela d-dettalji u l-indirizz fejn kellu jmur il-pakkett. Impjegata tal-Maltapost staqsietu x'kien l-oġġett tal-pakkett u hu infurmaha li kienu Collectible Items (shirt), ħadmitlu l-prezz tas-servizz li kien €32.61 u tatu kopja li kellha* tracking number. *Ħadd ma talbu jindika l-valur. Hu irċieva l-flokk mingħand Castano iżda Castano baqa' ma rċeviex il-flokk li kien bagħatlu minn Malta. Kif il-flokk baqa' ma wasalx hu kellu jħallas lil Cassano €3,000 għal flokk li kien baqa' ma rċeviex. Meta tkellem mal-Maltapost qalulu li kellu jimla formola iżda qatt ma ingħata informazzjoni. Għalkemm għamel diversi tentattivi ma' ħaddiema tal-Maltapost baqa' bla soluzzjoni sakemm f'Ġunju 2020 qalulu li kienu ser iħallsuh il-€32.61 tal-pustaġġ. Hu kien qiegħed jitlob is-somma ta' €3,432.62 li kienu €32.61 tal-pustaġġ u €3,400 tal-flokk. Fil-kontro-eżami hu jgħid illi hu kien jaħdem bħala pustier għal 26 sena mal-Maltapost, iżda ma kienx familjari mas-servizzi kollha. Hu kien mar mal-*counter *biex jibgħat pakkett iżda ma indikax il-valur, jinsisti li ma indikax il-valur bħala zero għax ma intalabx jikteb il-valur għax kull ma ntalab jikteb kien iż-żewġ indirizzi u Dorianne Azzopardi niżżlet il-kliem Collectable Items. Hu ma kienx jaf il-proċedura mal-*counter *għax qatt ma ħadem fuq il-*counter. *Ċaħad illi kien jaf illi l-pakkett ma kienx inxurjat. Minkejja li l-oġġett kien ta' valur għoli hu ma niżżilx il-valur għax ma kienx ġie mitlub jagħmilha. Fir-ri-eżami u b'referenza għal Fol. 8 tal-proċess hu qal illi hu kien mela ż-żewġ indirizzi, id-data u l-firma tiegħu il-bqija ma kienx kitbu hu. Fol. 56 li ġie ppreżentat mill-Maltapost mar-risposta, huwa dokument li jista' jinġieb minn fuq il-*counter. *Fol. 103 hemm zero miktuba imma mhux hu kien kitibha, u dan huwa l-istess bħal dokument li jidher a fol. 9 li kien ippreżenta hu stess wara li kien tahulu Andre Barbara wara li intilfu l-affarijiet qabel ma beda l-proċess.*

*Kenneth Formosa iddikjara illi huwa kien ilu kollezzjonist tal-flokkijiet tal-futbol għal 38 sena. Hu spiss jagħti stimi ta' dawn il-flokkijiet partikolari. Il-valur tal-flokk jiġi ddeterminat skont is-sena, mudell, rarità jew le, kondizzjoni, plejer li kien jilbes il-flokk u ta' liema tim hu u l-provenjenza tal-istess flokk. Huwa kien ser ikun kuratur f'mużew tal-MFA li kien ser jinfetaħ f'Malta. Hu kien intalab minn Noel Borg biex jagħtih stima ta' flokk ta' Giuseppe Furino tal-1979/1980 u kien ġie muri ritratti tiegħu fejn kien jidher illi l-flokk kien iffirmat u hu kien stmah €3,500, għax fil-bidu tal-2020 kien għamel transazzjoni fuq flokk simili.*

*Ra l-affidavit ta' Carmen Scerri Lautier, Andre Barbara u Dorianne Azzopardi flimkien mad-dokumenti li ġew ippreżentati fis-27 ta' Lulju, 2021. Carmen Scerri Lautier kienet supervisor fil-Legal Department tal-Maltapost. Maltapost kien regolat bil-*Universal Postal Regulations *fejn skont l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta), l-operatur postali m'għandux jinkombi ebda responsabbilità għal kumpens minħabba f'xi telf jew nuqqas ta' konsenja. Għalkemm il-Maltapost ma kienx qiegħed jaċċetta li kienet hi li tilfet l-oġġetti ta' Noel Borg. Il-pakkett kien intbagħat permezz tal-EMS li huwa* courier delivery*, fejn il-konsenja ssir malajr u jista' jkun* tracked*, u huwa munit bl-assigurazzjoni mal-Mapfre Middlesea. Skont Dokument A (fn. 1 fol. 9) esebit mill-attur,* value of contents, category of postal article *u* country of origin of merchandise *ma ġiex indikat u fil-parti fejn kellu jikteb* detailed description of contents *ġie miktub* collectible item (shirt) *biss mingħajr dettalji. In-nuqqas ta' informazzjoni huwa nuqqas mill-parti li talab is-servizz, għax mingħajr din l-informazzjoni ma setax jiġi stabbilit il-valur tal-pakkett u għalhek xi kumpens f'każ illi dan kien ikun dovut. Mill-indaġini li għamlet Maltapost fuq il-pakkett permezz tat-*tracking number*, dan ingħata lil-linja tal-ajru, Airmalta Aviation Services Ltd fit-13 ta' Settembru, 2019 li skont huma tawh lil Network Aviation Services Ltd. Skont id-dokumenti li ppreżentat jidher li l-pakkett ingħata lil Airmalta biex jinġarr fuq it-titjira KM624. Fil-kontro-eżami hi tikkonferma li ma kinitx hi fuq il-*counter *meta Noel Borg bagħat il-pakkett u allura ma tafx min kiteb zero. Hi qatt ma kellha diskussjonijiet ma' Noel Borg u meta hi tgħid illi seta' ressaq l-ilment tiegħu mal-Mapfre Middlesea hi kienet taf illi peress illi l-valur kien iddikjarat zero ma setgħetx tintlaqa' l-*claim *għax kien* collectible item.

*Andre Barbara, huwa* head *tal-*Customer Care*, u jgħid illi sar jaf bil-kwistjoni meta irċieva* complaint Form *mingħand Noel Borg fil-21 ta' Settembru, 2019. Claire Camilleri, kienet qiegħda tieħu ħsieb l-ilment tiegħu għax hi tieħu ħsieb il-kwistjonijiet internazzjonali. Hi kkomunikat mal-Poste Italiane, li kkonfermaw illi ma kinux irċevew il-pakkett u bdew jippruvaw jiksbu tweġiba mil-linja tal-ajru. Fit-28 ta' Novembru, 2019 bagħtu ittra lil Noel Borg fejn intalab jagħmel kuntatt mal-assigurazzjoni għat-talba tiegħu għal kumpens, kif kienu dderiġew lill-klijent tiegħu li ukoll kellu l-oġġetti mitlufa fl-istess* mailbag*, iżda sa fejn jaf hu, hu qatt ma għamel hekk.*

*Fl-affidavit tagħha Dorianne Azzopardi tgħid illi hi kienet il-*counter clerk *ġewwa l-fergħa ta' San Ġwann meta fit-12 ta' Settembru, 2019 kien mar Noel Borg, li kienet tafu peress illi kien impjegat magħhom bħala pustier, li ried jibgħat pakkett mal-*EMS courier *sabiex jasal malajr. Hi qabbżitu l-queue u daħħlitu wara l-*counter *fejn mela d-dokument u niżżel li kien* Collectible Item*. Hi avżatu illi* Collectible Item *ma kienx* insured *iżda hu fl-ebda ħin ma qalilha li l-item kien jiswa ħafna flus u fl-irċevuta li*

*ingħata lill-klijent ikun hemm miktub li l-valur ikun zero. Fl-ebda ħin ma qal illi ma riedx ikompli bit-tranżazzjoni tas-servizz tal-EMS jew li kellu jitniżżel il-valur għall-oġġett fil-pakkett. Fil-kontro-eżami hi tgħid illi Noel Borg talab għas-servizz tal-EMS minn jeddu. Hu kien mela l-indirizzi u* description of contents *bħala* collectible item *u kif rat hekk hi qaltlu li setgħet tagħtih is-servizz li jasal malajr iżda mal-EMS iżda ma kienx ser ikun ixurjhat peress illi* collectible item. *Noel Borg mela d-dettalji u minn hemm kompliet timla d-dettali hi fejn kitbet id-data, il-valur li kien zero, li kien* collectible item *u mexxietha. Ikkonfermat illi kitbet il-valur zero wara li qaltlu li peress illi huwa* collectible item *ma setgħetx tikteb il-valur għax l-*insurance *ma jkoprihx. Hu ma qalilhiex le kif jista' jkun dak jiswa ħafna għax hi avżatu li mhux kopert bl-*insurance. *Hi ma kinitx taf x'kien il-ftehim bejn il-Maltapost u l-Middlesea Insurance.*

*Ra l-affidavit ta' Peter Gollcher, General Manager ta' Network Alliance Services Malta Limited li hija kumpannija li tipprovdi servizzi ta'* sales and marketing *għal* cargo space *fuq titjiriet tal-AirMalta u hija* sales agent *ta' Airmalta Aviation Services Limited u tirriserva spazju fuq titjiriet għal diversi kumpanniji li jirrikjedu trasport tal-merkanzija, fosthom il-pakketti tal-posta tal-Maltapost. Fl-ebda ħin ma hi responsabbli għall-*handling *tal-pakketti li jiġu mibgħuta bil-posta la f'Malta u lanqas fid-destinazzjoni finali tal-pakketti.*

*Ra l-affidavit ta' John Grixti li kien impjegat bħala* Cargo Operations Manager *ma' Air Malta Aviation Services Limited li kienet taġixxi bħala* Handling Agent *ta' diversi operaturi, fosthom Airmalta plc. Fit-13 ta' Settembru, 2019, Maltapost kienet bagħtet bil-posta numru ta' pakketti fosthom il-pakkett bin-numru ta' referenza 0057 bl-ajru fuq titjira KM624, sa Milan li kien jiżen 1.5kgs u kien mibgħut bħala* Express Mail Service *u jidher illi ġie mgħobbi fuq l-ajruplan mill-annessi dokumenti. Hu kien ivverifika mal-Airmalta li l-pakkett kien wasal fid-destinazzjoni mal-aġent ta' Network Airline Service Ltd ġewwa Milan (fol. 116). Fil-kontro-eżami hu jgħid illi hu kien jirċievi xkejjer jew kaxxi li jistgħu jkollhom aktar minn pakkett wieħed u ma jkunx jaf liema pakketti jew kemm-il pakkett hemm fl-ixkora. Li seta' jikkonferma hu li l-ixkora li kienet tiżen 1.5kgs ġiet aċċettata u mgħobbija fuq l-ajruplan. Dok Ċ a fol. 114 turi l-lista (manifest) tax-xkejjer li kien hemm għal fuq dik it-titjira bil-piż ta' 116.8 kgs u Dok. D a fol. 115 turi* load control *kif kien mgħobbi l-ajruplan li juri li l-ajruplan kellu 117 kgs ta' posta u r-responsabbilità tagħhom tieqaf hemm.*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet li ġew ippreżentati mill-attur u mis-soċjetà konvenuta.*

*Ikkunsidra;*

*Illi mix-xhieda m'hemmx dubju li l-attur uża s-servizz tal-Maltapost sabiex jibgħat pakkett li hu jgħid li kien fih flokk tal-plejer ta' Juventus bħala tpartit, peress illi l-attur*

*kien kollezzjonist ta' dawn il-flokkijiet. Kien uża s-servizz tal-EMS li fuq is-sit tal-Maltapost jgħid illi huwa inxurjat. L-impjegata tal-Maltapost ikkonfermat illi hi stess kienet kitbet illi l-pakkett kien fih* Collectible Item *u li kienet kitbet il-valur bħala zero għax kienet mgħallma li* Collectible Item *ma kienx inxurjat. Noel Borg ċaħad illi kienet semmietlu li l-pakkett ma kienx ser ikun inxurjat għax kien* Collectible Item *u fil-fatt wara li l-pakkett ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu hu beda jitlob informazzjoni mill-Maltapost iżda l-pakkett baqa' ma nstabx. Il-valur tal-flokk ġie kkonfermat permezz ta' kollezzjonist ieħor, kif ukoll ġie esebit il-komunikazzjoni mal-persuna li kien għamel ftehim ta' tpartit. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talba billi eċċepiet illi skont l-artikolu 29 tal-Kap. 254 m'għandha jkollha ebda responsabbilità għal kumpens minħabba xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara lil xi oġġetti postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta.*

*L-artikolu 29 tal-Kap. 254 jgħid illi:*

L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda responsabbilità għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil xi oġġett postali fil-kors tat-trasmisssjoni bil-posta, sakemm dak il-kumpens –

(a) Ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent, u
(b) Ikun ġie stabbilit b'regolament kif jistgħu minn żmien għal żmien ikun preskritt taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett:

Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbilità minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni.

*Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ġialadarba s-soċjetà konvenuta tirriklama li toffri s-servizz tal-*EMS Courier *u li dan huwa kopert bl-*insurance*, din għandha tkun responsabbli għall-oġġetti li jiġu kkonsenjati lilha. Il-fatt li dawn ma jaslux fid-destinazzjoni għandha tiġi meqjusa bħala traskuraġni li jimmerita kumpens. Dan it-Tribunal jaqbel mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***David Mifsud et vs Maltapost*** *(fn. 2 deċiża 20 ta' Mejju, 2014 12/2012) fejn intqal:*

Kif ġia rilevat, skont l-istess artikolu 29, l-operatur postali però għandu jitqies li hu responsabbli jekk tirriżulta l-malafede jew it-traskuraġni da parte tiegħu. Una volta li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellanti kienu traskurati, tali artikolu mhux applikabbli. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni in kwestjoni tat-Tribunal u ċioe li kien hemm traskuraġni u negliġenza min-naħa tal-appellanti u għalhekk tikkonferma li t-Tribunal kellu raġun li jiskarta din l-eċċezjoni kif jidher li għamel fis-sentenza appellata.

*Is-soċjetà konvenuta ma tistax tinħeba wara l-fatt illi impjegata tagħha kitbet fuq it-tabella tal-pakkett illi l-oġġett kien* Collectible Item *u ma tat ebda valur lill-oġġett, li konsegwentement kellha l-effett li l-pakkett ma kienx kopert bl-*insurance*.*

*Is-soċjetà konvenuta ppruvat titfa' r-responsabbilità fuq il-kjamati fil-kawża għalkemm ir-relazzjoni ġuridika hija bejn l-attur u l-konvenut, u għalhekk il-kjamati fil-kawża m'għandhomx x'jaqsmu f'din ir-relazzjoni ġuridika.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' għat-talba tal-attur għal tlett elef, erba' mija u tnejn u tletin Euro u sittin ċenteżmu (€3,432.60) u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u tletin Euro u sittin ċenteżmu (€3,423.60) bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza. Stante li ma ġewx ippreżentati ebda irċevuti ta' spejjeż legali din it-talba tal-attur ma tistax tintlaqa'.*

*L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż l-ispejjeż tal-kjamati fil-kawża huma a kariku tas-soċjetà konvenuta."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà konvenuta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fit-8 ta' Novembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiċħad it-talba tal-appellat; jew alternattivament, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba tal-appellanta, jekk din il-Qorti tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal sab lis-soċjetà appellanta responsabbli, tvarja d-deċiżjoni appellata billi tirriforma l-ammont li t-Tribunal ikkundanna lis-soċjetà appellanta tħallas, għall-ammont ta' tnejn u tletin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€32.61) rappreżentanti l-pustaġġ, jew għal ammont ferm aktar baxx u idoneju minn dak stabbilit fid-deċiżjoni appellata.

8. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-aggravji tagħha huma tlieta, jiġifieri li (i) t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-fatti; (ii) it-Tribunal għamel

interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-liġijiet u tar-regolamenti applikabbli għall-każ in eżami; u (iii) it-Tribunal qabad u akkorda l-ammont kollu pretiż mill-appellat, mingħajr ma ssindaka l-istess ammont, u dan minkejja li l-ammont pretiż ma ġiex issostanzjat bi provi konkreti.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li hija konxja tal-ġurisprudenza kostanti li tgħid li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti. Spjegat li dan ma jfissirx li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tanalizza l-provi prodotti fl-ewwel istanza, u tistrieħ fuq konklużjonijiet miġbuda minnha dwar l-istess provi. Qalet li qorti ta' reviżjoni tista' tikkoreġi interpretazzjoni żbaljata tal-fatti jew apprezzament erronju tal-provi magħmula fl-ewwel istanza, speċjalment meta jkun hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu mod ieħor. Qalet ukoll li fil-ġurisprudenza tagħha, fejn qorti ta' reviżjoni jidhrilha li sar żball, din għandha s-setgħa li tordna korrezzjoni, speċjalment fejn żball ikun wieħed manifest, u li jekk ma jiġix tempestivament korrett, jikkawża inġustizzja ċara. Żiedet tgħid li fil-każ in eżami il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija bbażata fuq interpretazzjoni manifestament żbaljata ta' fatt, liema żball huwa sottili, iżda kruċjali għad-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal żbalja meta qal li hija ma tistax tinħeba wara l-fatt li impjegata tagħha kitbet fuq id-*docket* tal-pakkett li l-oġġett kien '*collectible item',* u ma tat l-ebda valur lill-oġġett, li konsegwentement kellha l-effett li l-pakkett ma kienx kopert bl-*insurance.* Is-soċjetà appellanta qalet li kuntrarjament għal dan l-apprezzament, il-provi prodotti juru l-oppost, u l-*counter clerk* li assistiet lill-appellat, fix-xhieda tagħha

qalet li kien l-appellat li niżżel '*collectible item'* bħala d-deskrizzjoni tal-kontenut tal-pakkett li bagħat. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li kien proprju l-appellat, u mhux impjegata tagħha li mela id-*docket* fuq il-pakkett in kwistjoni. Qalet ukoll li minkejja li x-xhieda tal-appellat tikkontradixxi dan, din ix-xhieda ma ġietx ikkorroborata jew sostanzjata bi provi jew xhieda ulterjuri. Is-soċjetà appellanta qalet illi anki li kieku jirriżulta li kienet Dorianne Azzopardi li niżżlet il-kliem '*collectible item*' fuq id-*docket* tal-pakkett, dan sar fuq struzzjonijiet tal-appellat innifsu. Qalet li anki fil-*customer complaint form,* għal darb'oħra l-appellat niżżel il-kliem '*collectible item*' bħala deskrizzjoni tal-kontenut tal-pakkett mitluf, u m'hemm l-ebda kontestazzjoni li kien huwa li kiteb dan il-kliem. Qalet ukoll li quddiem sitwazzjonijiet fejn il-Qrati jkunu rinfaċċjati b'żewġ verżjonijiet kontrastanti, is-sitwazzjoni għandha tiffavorixxi lill-intimat, in linea mal-massima *actore non probante reus absolvitur.* Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li x-xhieda ta' persuna li mhijiex parti fil-kawża, għandha tingħata aktar piż mix-xhieda ta' persuna li tkun parti fil-kawża u jkollha interess personali fl-eżitu tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li Dorianne Azzopardi hija impjegata tagħha, hija personalment mhijiex parti fil-kawża, u m'għandhiex interess personali f'dawn il-proċeduri, għaliex m'għandhiex x'titlef jew tiggwadanja minnhom. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li kienet l-impjegata tagħha li minn jeddha ddeċidiet li tniżżel *'collectible item'* bħala deskrizzjoni tal-prodott.

11. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li *dato ma non concesso* li kienet Dorianne Azzopardi u mhux l-appellat li niżżlet *'collectible item'* fuq id-*docket* tal-pakkett bħala deskrizzjoni tal-kontenut tal-pakkett, mhuwiex ikkontestat li l-istess Azzopardi avżat u wissiet lill-appellat li għalkemm il-pakkett seta'

jintbagħat bl-*Express Mail Service*, l-oġġett mibgħut ma jkunx kopert bl-assigurazzjoni li normalment tapplika għall-istess servizz. Qalet li għalhekk il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal mhijiex dik korretta, għaliex l-appellat minn jeddu talab għas-servizz tal-*Express Mail Service*, u dan kien avżat u għalhekk kien ben konxju li l-oġġett ma kienx ser ikun assigurat. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma setgħetx ma tqajjimx dan l-aggravju li kien daqstant deċiżiv għall-eżitu tat-talba tal-appellat.

12. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li fil- fehma tagħha t-Tribunal għamel intepretazzjoni żbaljata tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għal każijiet bħal dak odjern, billi bbaża s-sentenza appellata fuq interpretazzjoni magħmula f'sentenza oħra ta' din l-istess Qorti, li hija bbażata fuq artikolu wieħed tal-liġi minn dawk kollha applikabbli. Qalet li hija ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni, li hija bbażata fuq l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, għaliex it-Tribunal ma kkonsidrax l-artikoli l-oħra tal-istess Att, ir-regolamenti l-oħra applikabbli, it-termini u kundizzjonijiet tas-servizz magħżul mill-appellat biex bagħat il-pakkett, u għalhekk f'ċirkostanzi fejn jidher li t-Tribunal ma kkonsidrax il-qafas legali pertinenti għal din il-vertenza. Qalet li hija ben konxja mill-fatt li t-Tribunal għandu jagħti ġudizzju prinċipalment abbażi tal-ekwità skont l-artikolu 7 tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar. Żiedet tgħid, li dan ma jneħħi xejn mid-dmir li għandu l-istess Tribunal li josserva, janalizza u japplika l-liġijiet kollha pertinenti għal kwalsiasi talba li tiġi quddiemu. Qalet ukoll li sentenza li tmur kontra l-liġi u l-prinċipji legali rilevanti, ma tistax tkun konformi mal-prinċipju tal-ekwità.

13. Is-soċjetà appellanta spjegat li skont l-Att dwar is-Servizzi Postali, l-oġġetti li jintbagħtu permezz tas-servizzi offruti mill-operatur postali, jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji għall-finijiet ta' kumpens, jiġifieri oġġetti reġistrati; oġġetti assigurati; u oġġetti postali li jinkludu korrispondenza, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u *parcels* postali, inkluż pakki li jkollhom jew ma jkollhomx valur kummerċjali. Qalet li l-kumpens li jista' jingħata fir-rigward ta' oġġett postali huwa regolat mill-artikolu 29 tal-Att, li jgħid li l-operatur postali m'għandu jinkombi l-ebda responsabbilità għal kumpens minħabba telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara lil xi oġġett postali, sakemm dak il-kumpens ma jkunx hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent; jew ikun ġie stabbilit b'regolament, irrispettivament mill-valur tal-oġġett. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu 29 tal-Att japplika biss fil-każ ta' oġġett postali, u mhux ukoll fil-każ ta' oġġett reġistrat jew assigurat. Qalet ukoll li ladarba l-pakkett intbagħat bl-*Express Mail Service*, li huwa servizz assigurat, isegwi li l-kumpens li jista' jingħata skont il-liġi huwa bbażat fuq il-valur iddikjarat mill-mittent, u fil-każ in eżami ma ġie ddikjarat l-ebda valur, u għalhekk ma jista' jingħata l-ebda kumpens għat-telf tal-oġġett. Qalet li wieħed ma jridx jinsa lanqas li meta l-appellat mar biex jibgħat l-oġġett, huwa ddikjara li dan huwa *collectible item,* u huwa niżżel id-deskrizzjoni tal-kontenut tal-pakkett minn jeddu. Qalet li anki li kieku kellu jiġi aċċettat li ma kienx l-appellat li niżżel din id-deskrizzjoni, xorta waħda kien l-appellat li dderieġa lill-impjegata tas-soċjetà appellanta x'għandha tikteb, u għalhekk għandu jsegwi li huwa kien ben konxju mill-konsegwenzi tal-għażla tiegħu, u mill-fatt li l-pakkett in kwistjoni ma setax jiġi assigurat. Qalet li għalhekk, ladarba l-oġġett ma kienx kopert minn xi forma ta' assigurazzjoni, l-oġġett ma jistax jitqies bħala oġġett assigurat *ai termini* tal-

artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Postali. Is-soċjetà appellanta qalet li l-oġġett lanqas ma seta' jitqies bħala oġġett reġistrat, u għalhekk għandu jitqies bħala oġġett postali għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Postali. Qalet li minn dan isegwi li għandu japplika l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, li jipprovdi li operatur postali, bħal ma hija s-soċjetà appellanta, m'għandu jinkombi l-ebda responsabbilità minħabba, fost oħrajn, telf. Qalet li għalhekk hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għat-telf tal-pakkett in kwistjoni, kemm minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Att, kif ukoll għaliex l-appellat talab kumpens ekwivalenti għall-valur kollu tal-oġġett mibgħut minnu, f'ċirkostanzi fejn l-ebda valur ma ġie dikjarat.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal irrikonoxxa l-applikabilità ġenerali tal-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, dan kien tal-fehma li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-każ in eżami. Qalet li fost il-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal, huwa qal li ladarba l-*Express Mail Service* tipprovdi servizz assigurat, is-soċjetà appellanta għandha tkun responsabbli għall-konsenja tal-oġġetti postali, u ladarba oġġett li ntbagħat bil-Posta ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu, ifisser li kien hemm negliġenza min-naħa tas-soċjetà appellanta. L-appellanta qalet li t-Tribunal straħ ukoll fuq l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet '**David Mifsud et *vs* Maltapost p.l.c.**'[1] tal-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, u fuq il-fatt li impjegata tas-soċjetà appellanta kitbet fuq id-*docket* tal-pakkett li l-oġġett kien *collectible item* u ma tat l-ebda valur lill-oġġett, bil-konsegwenza li l-oġġett ma ġiex assigurat. Qalet li filwaqt li huwa prinċipju kardinali tas-sistema tad-dritt

[1] Q.A., 20.05.2014.

tagħna, li min jallega jrid jipprova, id-deċiżjoni tat-Tribunal donnu qiegħda timplika li s-soċjetà appellanta għandha tipprova l-innoċenza u n-nuqqas ta' negliġenza tagħha. L-appellanta qalet li hemm diversi sentenzi li jgħidu li l-fatt li oġġett postali jkun intilef, m'għandux iwassal għall-konklużjoni awtomatika li hemm negliġenza min-naħa tal-operatur postali. B'riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **'David Mifsud et *vs.* Maltapost p.l.c.'**, li sar riferiment għaliha mit-Tribunal, hemmhekk il-Qorti m'attribwietx responsabbilità lill-operatur postali għaliex kien intilef oġġett, imma għaliex irriżultat negliġenza grossolana min-naħa tal-operatur postali. Qalet li fil-każ in eżami imkien ma ġie suġġerit li kien hemm xi negliġenza attwali jew negliġenza grossolana min-naħa tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li fis-sentenza msemmija, l-Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali.

15. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa marbut mal-ammont li t-Tribunal ikkundannaha tħallas. Qalet li dan l-ammont ma ġiex sostanzjat minn xi forma ta' provi konkreti, u t-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni għalfejn ikkonkluda li tali ammont għandu jitħallas minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa paċifiku li kwalsisi dannu jew kumpens pretiż mill-appellat, għandu jiġi ppruvat b'evidenza konkreta, u hija tqis li huwa tassew inġust li hija ġiet ikkundannata tħallas ammont ferm għoli għal flokk tal-futbol, mingħajr ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni min-naħa tat-Tribunal. Qalet li l-ftehim bejn l-appellat u Marcello Castano huwa *res inter alios acta* għaliha, u l-ftehim li sar baqa' ma ġiex ippreżentat, minkejja li ġiet esebita korrispondenza bejn l-appellat u Castano wara li kien intilef l-pakkett. Żiedet tgħid li ma nġabet l-ebda prova li l-pakkett in kwistjoni verament kien fih il-flokk li huwa jgħid li bagħat, u lanqas ma nġabet prova tal-valur tal-pakkett. Qalet li l-unika prova li tixħet

dawl fuq il-valur tal-pakkett, hija l-istima magħmula *ex post facto* minn kollezzjonist ieħor, sena wara li ntilef il-flokk, li qal li huwa qatt ma kien ra l-flokk tal-appellat. L-appellanta qalet li hemm koinċidenza stramba u li tixħet dubji fuq il-kredibbilità tal-pretensjonijiet tal-appellat, fis-sens li l-valutazzjoni ta' Kenneth Formosa tikkombaċja kważi perfettament mal-prezz li kien ġie maqbul bejn l-appellat u Castano. Qalet li għalhekk it-Tribunal ma kellux jikkundannaha tħallas l-ammont li talabha tħallas, meta l-provi li nġabu biex jissostanzjaw l-ammont pretiż, huma dgħajfa u mhux konklussivi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li huwa kollezzjonist tal-flokkijiet tal-futbol, u li huwa jixtri dawn il-flokkijiet u jbiegħhom jew ipartathom, ma' kollezzjonisti oħrajn. Spjega li fis-sajf tal-2019 huwa ftiehem ma' kollezzjonist ġewwa l-Italja, Marcello Castano, biex ipartu żewġ flokkijiet bejniethom, wieħed tal-plejer Giuseppe Furino tas-sena 1979/1980 b'valur ta' €3,400, li l-appellat kien ser jibgħat lil Castano, u Castano kellu jibgħat lill-appellat flokk tal-1977 b'valur ta' €3,000. Qal li ladarba kien hemm differenza ta' €400 bejn il-prezz taż-żewġ flokkijiet, il-partijiet qablu li Castano kellu jħallas €400 lill-appellat. L-appellat ta sunt tal-fatti kif ġraw, u qal li l-aggravji tas-soċjetà appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Spjega li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, u għandu jkun evidenti li bid-deċiżjoni appellata ma saret l-ebda inġustizzja, u għalhekk l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal m'għandux jiġi disturbat. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tgħarbel u tistudja bir-reqqa l-

provi kollha, u m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sentenza hija waħda studjata.

17. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta eċċepiet l-immunità *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kap. 256 f'diversi kawżi, it-Tribunal spiss jiċħad din l-eċċezzjoni, u iċċita l-proviso ta' dan l-artikolu li jgħid illi:

> "Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbilità minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni."

18. L-appellat qal li fil-każ odjern għandu jirriżulta li kien hemm negliġenza grossolana min-naħa tal-Maltapost plc, jew sub-kuntratturi, jew appaltaturi tagħha, u dan għaliex minkejja li huwa ħallas għal servizz oltre l-posta normali, u oltre minn sempliċi posta rreġistrata, sabiex jassigura li l-merkanzija tasal b'mod sigur, dan kien għalxejn għaliex il-merkanzija intilfet. Qal li anki s-soċjetà appellanta qablet li kien hemm element ta' negliġenza fil-każ in kwistjoni, tant hu hekk li x-xhud André Barbara fl-*affidavit* tiegħu qal li kien hemm qbil li l-appellat jiġi rifuż l-ispejjeż li għamel tal-pustaġġ. L-appellat qal li din l-offerta ma kinitx aċċettabbli għalih, u n-negliġenza min-naħa tas-soċjetà appellanta wasslet biex huwa sofra dannu li huwa ferm ogħla mill-pustaġġ tal-pakkett. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta kellha obbligu tassigura li l-klijent jiġi mgħarraf bl-informazzjoni li kellha titniżżel fuq id-*docket,* u x'inhuma l-konsegwenzi jekk dik l-informazzjoni ma tiġix imniżżla, u dan kellu jsir qabel ma huwa juża s-servizz u mhux wara. Qal ukoll li kien obbligu tal-Maltapost li tassigura li qabel tippresta s-servizz, kollox ikun f'postu u mhux toffri servizz lill-

klijent meta taf li f'każ ta' problema l-klijent ser jiġi ppreġudikat minħabba n-nuqqas ta' dettalji mogħtija.

19. L-appellat qal li x-xhieda Barbara u Lautier it-tnejn qalu li l-fatt li ma ġie attribwit l-ebda valur lill-kontenut tal-pakkett, lilu ppreġudikah, u minħabba f'hekk is-soċjetà appellanta ma setgħetx tressaq il-kwistjoni ma' Mapfre Middlesea plc, l-assiguratriċi ta' min juża s-servizz tal-*EMS*. Qal li kienet l-impjegata tas-soċjetà appellanta li ammettiet li kienet hi li m'attribwiet l-ebda valur lill-kontenut tal-pakkett fuq id-*docket,* meta huwa mar biex jibgħat il-pakkett, u dan ikompli jipprova n-negliġenza da parti tal-Maltapost u l-impjegati tagħha. Żied jgħid li indipendentement minn jekk dan il-pakkett setax jiġi assigurat jew le, kull wieħed għandu jwieġeb għad-danni li jiġru minħabba n-negliġenza tiegħu, u bħala stat ta' fatt, ladarba l-pakkett intilef għandu jiġi stabbilit li kien hemm negliġenza. Qal ukoll li n-nuqqas ta' informazzjoni fuq id-*docket,* lanqas ma kellu jiġġustifika t-telf tal-pakkett, u f'każ li l-pakkett intilef fit-traġitt, hija l-kumpannija Maltapost li għandha tinżamm responsabbli għad-danni.

20. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li qabel dan l-appell, is-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda aggravju dwar il-valur tal-kontenut tal-pakkett, u hija ma ressqet l-ebda prova li l-valur tal-oġġett mhux dak mitlub fl-avviż. Qal li għall-kuntrarju, kien hu li ressaq kull prova li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jipprova l-każ tiegħu.

**Ir-Risposta ta' AirMalta Aviation Services Limited**

21. Is-soċjetà msejħa fil-kawża AirMalta Aviation Services Limited, wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma in kwantu hija ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li l-appell mhux dirett kontra tagħha, u l-inkarigu tagħha kien limitat għall-ipproċessar u l-ġarr tal-pakkett relattiv f'Malta u għat-twassil tiegħu abbord l-ajruplan. Qalet li dan hija għamlitu, u hija ma kinitx responsabbli għall-ġarr sussegwenti tal-pakkett minn dak il-punt 'il quddiem. Qalet li mix-xhieda ta' John Grixti, li kien impjegat magħha bħala *cargo operations manager,* irriżulta li l-pakkett kien wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu, u r-responsabbilità tagħha kellha tieqaf hemmhekk. Żiedet tgħid li hija m'għadhiex mezz kif tivverifika x'ikun hemm f'kull pakkett li jingħatalha, u kull ma jirriżulta huwa li hija wasslet l-ixkora magħluqa fuq l-ajruplan. Qalet li hija aċċertat ruħha li l-ixkora hija integra u vverifikat ukoll il-piż tagħha, imma min-naħa tagħha hija ma setgħet tagħmel l-ebda verifiki dwar il-kontenut tal-istess. Qalet li mis-sistema tal-*load control,* irriżulta li l-piż li suppost tgħabba fuq l-ajruplan kien l-istess li jirriżulta mid-dokumentazzjoni. Qalet li d-dokumentazzjoni kienet turi li fl-ixkora kellu jkun hemm il-pakkett bir-referenza '0057', il-pakkett tal-appellat, imma ħadd ma jista' jgħid b'ċertezza jekk dan il-pakkett kienx hemm jew le, u jekk kien hemm, x'kien fih. Qalet li hija taġixxi bħala *handling agent* tal-merkanzija u posta li tkun ser titgħabba fuq l-ajruplani tal-AirMalta, u r-responsabbilità tagħha tieqaf hekk kif tirċievi l-valiġġa u tgħabbiha fuq l-ajruplan. Qalet ukoll li fil-każ odjern ma nġabet l-ebda prova li turi li l-merkanzija ġarrbet xi ħsara jew telf waqt li kienet fil-pussess tagħha. Żiedet tgħid li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellat, u r-

relazzjoni tagħha hija mal-Maltapost p.l.c., u fi kwalunkwe każ tapplika l-klawsola tal-limitazzjoni tad-danni.

22. Is-soċjetà Network Airline Services Malta Limited ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-appellat u mis-soċjetà msejħa fil-kawża Malta Aviation Services Limited (C 84643). Fl-ewwel lok, l-appellanta tikkontendi li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti li kellu quddiemu meta qies bħala fattur determinanti l-fatt li kienet impjegata tal-Maltapost p.l.c. li kitbet li l-oġġett impustat mill-appellat kien *collectible item,* u dan l-oġġett ma ngħata l-ebda valur, bir-riżultat li l-oġġett impustat ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni. Is-soċjetà appellanta tgħid li dan mhux minnu, u kien l-appellat stess li niżżel li l-oġġett impustat minnu huwa *collectible item,* u anki jekk stess kienet impjegata tagħha li imliet id-*docket* tal-pakkett*,* dan sar fuq struzzjonijiet tal-appellat. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li ladarba t-Tribunal kellu żewġ verżjonijiet kontrastanti dwar min kien li mela d-dettalji fuq il-pakkett postali, kull dubju kellu jiġi deċiż favur tagħha bħala l-parti konvenuta fil-kawża.

24. Din il-Qorti tqis li f'kawżi ta' dan it-tip, ħafna drabi l-partijiet jagħtu verżjonijiet kunfliġġenti dwar il-mod kif ġraw l-affarijiet li jkunu wasslu għal-litiġju li jrid jiġi deċiż. F'dan il-każ hemm il-verżjoni mogħtija mill-appellat, u

dwar l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta hemm il-verżjoni mogħtija mill-impjegata tagħha Dorianne Azzopardi, li fl-*affidavit* tagħha qalet li l-appellat talab li jibgħat il-pakkett bl-*EMS Courier*, u meta mela d-*docket,* dan niżżel li l-oġġett kien *collectible item,* u dak il-ħin hija nfurmatu li l-oġġett ma jistax jiġi assigurat, iżda huwa xorta waħda kompla bit-tranżazzjoni u ħallas għas-servizz bl-*EMS*. Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li huwa qatt ma ġie infurmat li f'każ li jagħżel li jniżżel li l-oġġett huwa *collectible item,* dan ma kienx ser ikun kopert bl-assigurazzjoni. Minkejja din id-diverġenza dwar il-mod kif seħħew iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-appell odjern, lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq il-fatt li kienet impjegata tas-soċjetà appellanta li ddikjarat li l-oġġett postali huwa *collectible item,* u li konsegwentement ma jistax ikun kopert b'polza tal-assigurazzjoni. It-Tribunal iddeċieda, li lil hinn mit-tip ta' oġġett li kien qiegħed jintbagħat bil-Posta, u lil hinn minn kull konsiderazzjoni dwar jekk dan setax jiġi kopert bl-assigurazzjoni jew le, il-fatt li dan l-oġġett ma twassalx fid-destinazzjoni fejn kellu jasal, huwa sinjal ta' traskuraġni u negliġenza min-naħa tal-operatur tas-servizz postali, u għalhekk għandu jitħallas kumpens. F'dan il-każ, il-kwistjoni tal-kopertura b'polza tal-assigurazzjoni ma kellha l-ebda rilevanza għad-determinazzjoni tal-vertenza mit-Tribunal, li t-talba quddiemu kienet għal-likwidazzjoni u l-kundanna tas-soċjetà Maltapost p.l.c. għall-ħlas ta' kumpens, in vista tal-fatt li oġġett ta' valur sostanzjali li ntbagħat mill-appellat lejn l-Italja, baqa' ma wasalx għand id-destinatarju aħħari tiegħu. Il-problema li ffaċċjat is-soċjetà appellanta kienet mal-kumpannija li toffrilha s-servizz tal-assigurazzjoni, Mapfre Middlesea p.l., u dan għaliex il-pakkett ma ngħata l-ebda valur minn min impustah, irrispettivament minn jekk dan kienx l-individwu li talab is-servizz

jew impjegat tal-Maltapost p.l.c. Dan ma jfissirx li f'każ li tinstab traskuraġni min-naħa tas-soċjetà appellanta, din m'għandhiex tintalab tagħmel tajjeb għad-dannu soffert mill-appellat. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta mhijiex korretta meta tgħid li l-kwistjoni dwar min kien li ddeskriva l-oġġett impustat bħala '*collectible item*' kienet deċiżiva għall-eżitu tat-talba li kellu quddiemu t-Tribunal, għaliex dan ma kienx il-fattur determinanti li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni li ta. It-Tribunal qies li l-fatti kif ġraw jixhdu li kien hemm element ta' traskuraġni min-naħa tas-soċjetà appellanta, u li din għandha tagħmel tajjeb għad-dannu soffert mill-appellat. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzonijiet, l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

25. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għamel apprezzament u interpretazzjoni żbaljata tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għal każijiet bħal dawn, billi bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-interpretazzjoni mogħtija lill-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali f'deċiżjoni oħra ta' dawn il-Qrati. Qalet li kien hemm artikoli oħra tal-Att, regolamenti, u termini u kundizzjonijiet oħra tas-servizz, li kellhom jiġu kkunsidrati mit-Tribunal qabel dan ta d-deċiżjoni tiegħu. Qalet li l-oġġetti li jintbagħtu bil-Posta jinqasmu fi tlieta, jiġifieri oġġetti reġistrati, oġġetti assigurati, u oġġetti postali ġenerali li jinkludu l-korrispondenza kollha li tintbagħat. Qalet li l-artikolu 29 tal-Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola biss l-oġġetti postali in ġenerali, u mhux dawk reġistrati jew assigurati. Qalet li fil-każ odjern il-pakkett intbagħat mill-appellat bis-servizz tal-*EMS*, u minkejja li dan huwa servizz assigurat, ladarba l-appellat m'attribwixxa l-ebda valur għal dan l-oġġetti, huwa ma setax jippretendi li jingħata kumpens għat-telf tal-oġġett.

26. Il-Qorti tqis li minkejja li l-appellat għażel li juża s-servizz tal-*courier* tal-*EMS* sabiex jibgħat il-pakkett tiegħu lejn l-Italja, it-traġitt ta’ dan il-pakkett postali xorta waħda huwa regolat bl-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, li jagħmilha ċara li l-operatur postali m’għandu l-ebda responsabbilità x’iġorr għal telf, nuqqas ta’ konsenja, dewmien jew ħsara lil xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni ta’ dak l-oġġett bil-Posta, ħlief fejn ikun hemm qbil dwar il-kumpens bejn l-operatur postali u l-mittent, u f’każ li jkun ġie stabbilit b’regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett. Il-proviso tal-istess artikolu imbagħad jgħid li uffiċjali tal-operatur postali m’għandhomx jinżammu responsabbli għal xi telf, nuqqas ta’ konsenja, dewmien jew ħsara, sakemm dawn ma jkunux ġew kaġunati b’malafidi jew bi traskuraġni. Għalhekk, dak li kellu jeżamina t-Tribunal fil-każ odjern qabel jgħaddi biex jilqa’ jew jiċħad it-talbiet tal-appellat, kien jekk jirriżultax li hemm malafidi jew negliġenza da parti tal-operatur postali, għaliex huwa biss jekk jirriżulta xi wieħed minn dawn l-elementi li l-mittent ikollu dritt jitlob kumpens. Fil-fatt it-Tribunal ikkonkluda li fil-każ odjern kien hemm element ta’ traskuraġni li għandu jwieġeb għalih l-operatur postali. Il-fatt li l-appellat naqas milli jniżżel ċerti dettalji fuq id-*docket,* u l-fatt li huwa m’attribwixxa l-ebda valur għall-oġġett li kien qiegħed jibgħat bil-Posta, ma kellhomx iwasslu għat-telf ta’ dan l-oġġett. Il-fatt li l-oġġett intilef fit-traġitt, u s-soċjetà appellanta fdata bil-kunsinna tal-oġġett m’għarfitx twieġeb x’kien sar mill-pakkett, u jekk dan kienx intilef jew insteraq, ifisser li hemm element ta’ negliġenza fl-operat tagħha li għandha twieġeb għalih is-soċjetà appellanta. Jirriżulta mill-provi in atti, li l-appellat ikkonsenja l-oġġett postali f’waħda mill-fergħat postali tas-soċjetà appellanta, għażel li juża s-servizz tal-*EMS*, u ngħata

*tracking number.* Mill-mument li ngħata dan it-*tracking number,* kellha tkun is-soċjetà appellanta li tassumi responsabbilità tal-oġġett fdat fil-kustodja tagħha, irrispettivament minn jekk il-mittent kienx niżżel id-dettalji kollha relattivi għall-oġġett jew le. Mill-provi li jinsabu in atti, jirriżulta li l-indirizz tal-persuna li kellha tirċievi l-oġġett postali, tniżżel tajjeb, imma l-oġġett qatt ma wasal għand il-Poste Italiane. Għal dan in-nuqqas m'għandu jwieġeb ħadd għajr is-soċjetà appellanta, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

27. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta titfa' dubju fuq il-valur tal-oġġett postali mibgħut mill-appellat, u tgħid li dan qatt ma ġab provi konkreti dwar kemm kien il-valur tal-flokk in kwistjoni. Il-Qorti tqis l-appellat irnexxielu jipprova li l-flokk li huwa bagħat l-Italja jiswa daqskemm qiegħed jippretendi li jitħallas, hekk kif il-valur tal-oġġett ġie kkonfermat permezz ta' xhud li jista' jitqies li huwa espert fil-materja, u ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' tranżazzjoni bankarja bħala konferma tal-ammont li l-appellat ħallas lura lil Marcello Castano meta dan ma rċeviex il-flokk li bagħatlu l-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li ma nġabitx prova ta' x'kien l-oġġett li ntbagħat bil-Posta u li ħadd ma jista' jgħid b'ċertezza x'kien l-oġġett postali mibgħut mill-appellat. Però il-Qorti tirrileva illi sabiex ikun hemm dak il-grad ta' ċertezza, is-soċjetà appellanta għandha tibdel il-*policy* tagħha u l-mod ta' kif tirċievi oġġetti li jkunu ser jintbagħtu bis-servizz postali pprovdut minnha, u tesiġi li impjegati tagħha jivverifikaw x'ikun l-oġġett li jkun ser jintbagħat bil-Posta. Dan huwa l-uniku mod kif jista' jiġi vverifikat b'ċertezza x'ikun ser jintbagħat bil-Posta. Mill-bqija, il-Qorti tqis li hemm biżżejjed provi ċirkostanzjali li jikkonfermaw li l-oġġett mibgħut mill-appellat verament kellu il-valur mitlub, u li dan l-oġġett intilef bi

traskuraġni u negliġenza, u għalhekk għandha tkun is-soċjetà appellanta li tagħmel tajjeb għal dan.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u l-ispejjeż ta’ dan l-appell, għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**